# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Doreen Clarke LL.D.

**Illum 14 ta' Ottubru 2021**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Anthony Scerri)**
**(Supretendent Frank Anthony Tabone)**
**vs**
**Axel Vella**

**Drogi Numru 134/2018**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imsemmi Axel Vella ta' 26 sena, bin Maria Vella, imwieled Pieta' nhar l-20 ta' April 1995, residenti gewwa numru 25, Triq id-Duluri, Isla u detentur tal-karta ta' l-identita numru 179395M.

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer nhar il-25 ta' Ottubru 2018 u fix-xhur ta' qabel:-

1. Forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga kokajina, specifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta lill-persuna jew persuni jew ghall-uzu ta' persuna/i minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta minghajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) jew minn xi awtorita moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga u minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tas-sitt taqsima ta' l-Ordinanza

imsemmija u minghajr ma kellu licenzja jew xorta ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u minghajr ma kellu licenzja li tipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-regolament 4 tar-regolamenti ta' l-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentament emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Biegh jew xort'ohra ttraffika l-pjanta Cannabis kollha jew bicca minnha u dan bi ksur bi ksur ta' l-artikolu 8(c) ta' l-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

3. Forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga herojina, specifikata fl-ewwel skeda ta l-ordinanza dwar il-medicini perikoluzi, Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta lill-persuna jew persuni jew ghall-uzu ta' persuna/i minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta minghajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) jew minn xi awtorita moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga u minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tas-sitt taqsima ta' l-Ordinanza imsemmija u minghajr ma kellu licenzja jew xorta ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u minghajr ma kellu licenzja li tipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-regolament 4 tar-regolamenti ta' l-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentament emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

4. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi xjentement issoprima jew b'xi mod iehor qered jew biddel it-tracci jew l-indizji ta' reat.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mil-Ligi, tordna wkoll il-konfiska tal-oggetti kollha esebiti.

Il-Qorti giet ukoll mitluba li f'kaz ta' htija barra milli tapplika l-piena skond il-ligi tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, skond l-artikolu 533(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-Ordni tal-Avukat Generali[1] mahrug fis-26 ta' Ottubru 2018 *ai termini* ta'l-artikolu 22(2) tal-Kapitolu 101 tal-Ligjiet ta' Malta permezz ta' liema ordna li l-imputat jitressaq quddiem din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali biex

[1] Dok AS1 a fol 5.

iwiegeb ghall-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu ghal ksur tal-provedimenti tal-istess Ordinanza.

Rat li waqt l-udjenza mizmuma fit-12 ta' Awwissu 2018 l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontrta tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu[2].

Rat li fuq talba ta' l-imputat, u permezz ta' degriet datat 7 ta' Marzu 2019[3], din il-Qorti assumiet il-funzjonijiet ta' Qorti ta' Droga ai termini ta' l-artikolu 8 tal-Kapitolu 537 tal-Ligijiet ta' Malta u rreferiet il-kaz lill-Bord ta' Riabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga.

Rat li permezz ta' nota datata 27 ta' Frar 2020[4] l-imsemmi Bord ta' Riabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga, u skond verbal ta'l-istess Bord ta' seduta mizmuma l-gurnata ta' qabel, baghat lill-imputat lura quddiem din il-Qorti u dan peress li l-imputat naqas li joqghod mal-careplan imfassla ghalih u dan anke wara li kien inghata twissija.

Semghet il-provi u t-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena hemm diversi fatturi x'jittiehdu in konsiderazzjoni.

Illi jibda biex jinghad li, kif jirrizulta mill-ewwel parti ta'  din is-sentenza, fuq talba ta'l-imputat u wara li nstemghu il-provi fir-rigward, din il-Qorti kienet assumiet il-funzjoni ta' Qorti ta' Droga ai termini ta' l-artikolu 8 tal-Ligijiet ta' Malta. Il-kaz ghalhekk gie riferut lill-Bord ta' Riabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga u il-professjonisti involuti fil-kaz fasslu care plan ghall-imputat; din il-care plan kienet tinkludi referral lill-Agenzija Sedqa. Minkejja din l-opportunita mghotija lilu biex jirrabililta lilu nnifsu, l-imputat ma wera l-ebda impenn u/jew xi rieda minima kemm hi minima biex joqghod ghad-direttivi tal-Bord; l-imputat fil-fatt mar ghall-appuntament wiehed biss ghand l-Agenzija Sedqa[5]. Rinfaccjati b'din is-sitwazzjoni il-Bord sejhu lill-imputat, u wara li naqas li jidher ghal din is-seduta

---

[2] Ref verbal a fol 201.
[3] A fol 327.
[4] A fol 383.
[5] Huwa fil-fatt naqas li jattendi ghall-ppuntamenti miftehma mieghu; u naqas li jirrispondi diversi telefonati u messaggi li ntbaghtulu f'tentattiv biex jigu iffissati appuntamenti ohra.

deher ghas-seduta sussegwenti u, imwissi mill-Bord, impenja ruhu li jzomm mal-careplan. Minkejja dan l-imputat ma zamm l-ebda appuntament iehor mal-Bord u ma'l-Agenzija Sedqa u wisq anqas zamm mal-careplan imfassla ghalih. Kien wara dawn l-opportunitajiet kollha li l-Bord irrefera l-kaz lura lil din il-Qorti. Huwa car li f'dawn ic-cirkostanzi l-Qorti m'ghandha l-ebda ghazla hlif li tirrevoka d-degriet taghha tas-7 ta' Marzu 2019 permezz ta' liema assumiet il-funzjoni ta' Qorti ta' Droga.

Illi fattur iehor li huwa determinanti fil-kunsiderazzjonijiet dwar il-piena li ghandha tigi erogata huwa l-gravita tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat u c-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz. Jirrizulta mill-atti li l-imputat kien parti minn cirku li b'mod sistematiku kien qed jittraffika u jforni kull tip ta' droga lil numru kbir ta' persuni. Dan ma sarx f'okkazzjoni wahda imma fuq medda ta' diversi xhur; huwa kien jopera f'garaxx f'Birkirkara li gie konvertiet bhal speci ta' "hanut" fejn hafna persuni kienu jmorru jixtru diversi tipi ta' droga. Gieli kien hemm min kien jikkonsma d-droga hemmhekk stess. Dan il-garaxx kien mikri lil certu Jordan Azzopardi li gieli kien ikun prezenti hemm hu ukoll, pero kien jitmexxa mill-imputat[6] fin-nuqqas ta' Azzopardi. Fil-mument li intervjenew il-pulizija f'dan il-garaxx kien hemm hmistax il-persuna minbarra l-imputat; dawn il-persuni kienu qeghdin hemm biex jixtru d-droga. Kien hemm min kien ikkunsma d-droga fuq il-post. Uhud minn dawn il-persuni xehedu quddiem din il-Qorti u mid-depozizzjoni taghhom jirrizulta li f'dan il-garaxx kienu jinbieghu diversi tipi ta' droga.

Illi aktar minn hekk meta l-pulizija intervjenew fil-garaxx in esekuzzjoni tal-mandat ta' arrest u tfixxija, l-imputat mhux talli ma kkoperax imma attivament qered tracci materjali li setghu jintuzaw bhal prova mhux biss fil-konfront tieghu imma anke fil-konfront ta' terzi persuni.

Illi waqt l-udjenza mizmuma fit-3 ta' Dicembru 2018[7] l-imputata talab l-awtorizzazzjoni tal-Qorti biex jitkellem ma'l-ufficjali prosekuturi sa biex jirrilaxxa stqarrija guramentata u jaghti kull informazzjoni necessarja ghal-pulizija b'l-ghan li jkun jista' jibbenefika mill-artikolu 29 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta. Din it-talba intlaqghet dak in-nhar stess. Minkejja dan mill-atti ma jidhirx li l-imputat qatt tkellem ma'l-ufficjali prosekuturi, u ma tahom l-ebda informazzjoni, sia guramentata u sia xort' ohra. Fil-fatt hadd mill-partijiet ma' talab lill-Qorti biex tapplika l-artikolu 29 fid-determinazzjoni tal-piena[8] u ma saru l-ebda sottomissjonijiet fir-rigward.

Illi minkejja li kellu biss tlieta u ghoxrin sena meta sehhew il-fatti li wasslu ghall-proceduri odjerni, mill-fedina penali tieghu jirrizulta li sa dak in-nhar l-imputat

[6] Flimkien ma' persuni ohra b'mod li kienu "jahdmu" fuq sistema ta' shifts.
[7] Ref verbal a fol 161.
[8] Fil-verita qabel il-kawza giet differita ghas-sentenza il-partijiet kemm irrimettew ruhhom ghall-atti.

kien diga nstab hati ta' reati varji inkluz serq, ricettazzjoni, griehi gravi volvontarji u anke ksur ta' kundizzjonijiet imposti ma'l-ghoti tal-helsien mill-arrest.

Illi huwa car li fic-cirkustanzi ta' dan il-kaz il-piena ghandha tkun mhux biss wahda karcerarja[9] imma ghandha tkun wahda li tirrifletti n-natura gravissima tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat u l-perjodu ta' zmien li fih kienu qed isehhu dawn ir-reati. Min-naha l-ohra l-Qorti hadet in konsiderazzjoni ukoll l-ammissjoni ta'l-imputat anke jekk mhux f'l-aktar stadju bikri tal-proceduri.

Illi dwar l-ispejjez peritali ghandu jinghad li fil-waqt li uhud mill-esperti li prezentaw r-rapport taghhom fil-procieduri odjerni kienu gew nominati f'l-atti ta'l-inkjesta mizmuma dwar dan il-kaz, ohrajn gew nominati fil-kors tal-proceduri odjerni. Mill-esperti nominati f'l-atti tal-proceduri odjerni tnejn (Dr Kevin Sammut Henwood u Dr Martin Bajada) gew nominati fuq talba ta'l-imputat, l-iehor (il-perit Valerio Schembri) gie nominat fuq talba tal-prosekuzzjoni b'estensjoni ta'l-inkarigu li kien inghata fil-kors ta'l-inkjesta. Ir-rapporti relattivi huma relevanti ai fini ta' dawn il-proceduri biss u ghalhekk l-ispejjez relattivi ghandhom jigu sopportati kollha mill-imputat. Ir-rapporti ta'l-esperti nominati f'l-atti ta'l-inkjesta (il-perit Valerio Schembri ghall-ewwel rapport, Dr Godwin Sammut, PC405 u PC406) huma relvanti mhux biss ai fini tal-proceduri odjerni imma jistghu ikunu ta' relevanza f'proceduri pendenti fil-konfront ta' terzi, ghalhekk il-Qorti hija tal-fehma li l-imputat ghandu jhallas nofs biss ta'l-ispejjez relattivi.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, fil-waqt li qed **tirrevoka d-degriet mghoti fis-7 ta' Marzu 2019 peremzz ta' liema assumiet il-fiunzjoni ta' Qorti ta' Droga**, wara li rat l-artikolu 111(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-artikolu 8(c), it-Taqsimiet 4 u 6, u l-artikoli 22(1)(a) u 22(2)(b)(i) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, u r-Regolament 4 ta'l-Avviz Legali 292 tas-sena 1939, fuq ammissjoni ssib l-imputat hati ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tikkundannah **hames (5) snin prigunerija u multa ta' sitt elef Euro (€6,000)**.

In oltre u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qeghda tikkundanna ukoll lill-imputat biex **ihallas lir-Registratur ta' din il-Qorti is-somma ta' elf disgha mija erbgha u tmenin Eruro u erbgha u sittin centezmu (€1,984.64)** rapprezentanti ispejjez rinkorsi mal-hatra ta'l-esperti kif fuq spjegat.

In konkluzzjoni l-Qorti qed tordna:
a) **il-konfiska tal-flus esebiti** Dok AS4 u cioe s-somma ta' elf Euro u tnax il-centezmu (€1,000.12), u Dok AS5 u cioe s-somma ta' hames mija sebgha u hamsin Euro u sebghin centezmu (€575.70);

[9] Piena kareceraja effettiva hija tassattiva f'dan il-kaz.

b) **il-konfiska tal-moble phone** esebit Dok FT4; u
c) **id-distruzzjoni ta'l-oggetti esebiti** Dok GS2 u dan taht il-harsien tar-Registratur ta' din il-Qorti li ghandu jirredigi process verbal li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

**Il-konfiska u d-distruzzjoni fuq imsemmija m'ghandhomx jinghataw effett qabel ma tigi prezentata nota sia mill-Kummissarju tal-Pulizija u sia mill-Avukat Generali permezz ta' liema ghandhom jiddikjaraw li l-oggetti in ezami m'humiex u/jew m'ghadhomx rikjesti f'xi proceduri ohra**. Tenut kont ta' dan il-Qorti qed tordna notifika ta' din is-sentenza lill-Kummissarju tal-Pulizija u lill-Avukat Generali.

**DR. DOREEN CLARKE LL.D**
**MAGISTRAT**